MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2383/2003

**Office Electronics Limited**

**Vs**

**Vincent Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm184.78) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi resi u merkanizja mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta attrici kif jidher mill-*invoice* annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument MG1.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma'l-avviz u ta'l-ittra legali datata l-1 ta' Lulju 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-

konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li hu ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tas-socjeta attriciipprezentata fl-20 ta' Frar 2004, li permezz taghha hija cediet is-sorte tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta'l-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-20 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta-dokuemnti esebieti.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza, jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------